SAN LAWRENZ

Il-Minuti tar-raba' laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 2 ta' Lulju, 2015 fis-2.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

***Sindku:*** Is-Sur Noel Formosa
***Viċi-Sindku:*** Is-Sur Anthony Formosa
***Kunsilliera:*** Is-Sur Franco Buhagiar
Is-Sinjorina Carmela Grima
Is-Sur Joseph Michael Cauchi

***L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ:*** Is-Sinjorina Reneè Formosa

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Is-Sinjura Josephine Sultana

## 1.0 Talba

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, is-Sur Noel Formosa u nbdiet b'talba.

## 2.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa

2.1 Il-Minuti tat-tielet laqgħa u tal-kontinwazzjoni tat-tielet laqgħa tal-Kunsill ittieħdu bħala li nqraw peress li kienu mibgħuta minn qabel permezz ta' *e-mail*. Wara li saru xi emendi fil-paragrafu 3.9, il-minuti ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

***Matters Arising mill-minuti ta' l-aħħar laqgħa:***

2.2 (2.6) Is-Sindku s-Sur Noel Formosa qal li waqt dawra li saret minnu u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie nnotat u anke minn xi kummenti li għaddewlna r-residenti ta' dik it-triq, li l-*open skip* mhux qed idum skont il-ħin stipulat. Ġie deċiż li niġbdu l-attenzjoni sabiex dan l-*open skip* jitpoġġa fit-8.00 am u jinġabar f'nofsinhar. Biex hekk wara jista' jiġi stabbilit id-domanda għall-użu tiegħu.

2.3 (2.7) Is-Sindku s-Sur Noel Formosa nforma lill-Kunsill li x-xogħol biex tiġi rranġata l-librerija beda.

2.4 (4.0) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nforma wkoll lill-Kunsill li beda l-proċess għad-devoluzzjoni tal-ħofra sabiex jinbena ċ-Ċentru Ċiviku.

2.5 (2.11) Tqajjem il-punt li bejn iż-żewġ rotot tal-karozza tal-linja li hemm għal San Lawrenz u d-Dwejra m'hemmx ħin wisq bejniethom minn meta bdiet l-iskeda l-ġdida. Fil-għaxija qed ikun hemm waqtiet li jaslu flimkien. Intqal li rotta minnhom jista' jinbidel jew jitranġa l-ħin tagħha peress li hija rotta għal

San Lawrenz biss pero' r-rotta l-oħra qegħda magħquda ma' raħal ieħor u għalhekk ma tistax tintmess. Ġie ssuġġerit li ssir laqgħa mat-Transport Malta peress li hemm ħafna *issues* x'jiġu diskussi. Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar qal li l-aħjar li l-ewwel naraw eżatt kif qed jgħaddu r-rotot imbagħad issir il-laqgħa magħhom għax jista' jagħti l-każ li peress li r-rotot m'ilhomx li nbiddlu, għadhom ma ġewx ssetiljati sewwa.

2.6 (10.1) Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li qiegħed f'kuntatt mas-Sur Jonathan Borġ ta' *Smart Lighting System* dwar id-dwal taż-*Zebra Crossing* tal-Pjazza. Huwa qal li s-Sur Borġ għandu jiġi u jġib pannella miegħu sabiex il-membri tal-Kunsill jkunu jistgħu jarawha qabel ma jiġu ordnati. Intqal li jekk isiru boċċa bħall-antiki jkun hemm bżonn li l-pjazza terġa' titqatta' biex id-dawl jgħaddi minn taħt it-triq. Għalhekk ġie deċiż li nistennew lis-Sur Borġ biex iġib il-pannella u wara jiġi deċiż l-aħjar mod li jsir id-dawl għal din iz-*Zebra Crossing.*

2.7 (10.2) Ix-xogħol fuq il-kamra li hemm taħt il-pjazza biex isir il-*main* tad-dawl qed isir mis-Sur Joe Grima. Meta jkun lest se ngħidu lis-Sur Richard Cauchi sabiex iwaħħal il-*main* tad-dawl.

2.8 (10.3) Rigward il-*bollards* li hemm fil-pjazza qed nitolbu li jinbidlu peress li dawn diġa' ssaddu. Il-Perit Edward Scerri qiegħed f'kuntatt mal-fornitur.

2.9 (12.3) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kiteb lis-Superintendent tal-Pulizija Antonello Grech fejn talab aktar preżenza ta' Pulizija fir-raħal. Is-Superintendent Grech wieġeb u staqsa jekk hemmx xi toroq partikolari li għandu jkun hemm infurzar. Intqal li għandna nisħqu sabiex ikun hawn preżenza ta' Pulizija l-ħin kollu speċjalment minħabba d-Dwejra.

2.10 (12.11) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nforma lill-Kunsill li l-għalqa tas-Sinjura Maria Cauchi qed titnaddaf. Dan ix-xogħol qed jieħu ħsieb jagħmlu l-Viċi Sindku s-Sur Anthony Formosa.

2.11 (3.13) L-offerta pubblika li kienet ħarġet għall-*live streaming* m'għadhiex valida għalhekk se toħroġ sejħa oħra għall-offerti għal min hu interessat li jipprovdi dan is-servizz.

2.12 (5.0) Rigward ir-restawr tad-diversi monumenti u mfieker li hawn fir-raħal, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa tkellem mal-Perit Shawn Micallef li dan tal-aħħar qed iħejji d-dokumenti neċessarji biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol. Meta dawn ikunu lesti ser nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex flimkien ma' Din l-Art Ħelwa sabiex naraw jekk jistgħux ikunu ta' għajnuna f'dan ir-restawr.

Intqal li hemm ħajt fi Triq San Lawrenz faċċata fejn joqgħod Simon Enriquez li għandu bżonn jitranġa.

2.13 (6.0) Dwar il-proposta tal-proġett tal-*housing*, is-Sur Noel Formosa qal li kiteb lill-Ministeru konċernat fejn talbu laqgħa miegħu biex inkunu nistgħu nressqu din il-proposta.

idaħħlu fil-*package* li joffru lit-turisti żjara lil dan iċ-ċentru. Dan isir billi l-Kunsill jagħti skont tajjeb lil dawn l-operaturi ħalli hekk ikollhom inċentiv li żjara lil dan iċ-Ċentru tkun parti minn ġurnata f'Għawdex. Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi ssuġġerixxa li nistgħu anke nikkuntattjaw lill-operaturi tal-*buses Hop On Hop Off* biex waqt it-*talk* li jkollhom matul il-vjaġġ fuq din il-*bus* jisimgħu informazzjoni dwar dan iċ-Ċentru. Intqal ukoll li bl-istess mod li nimxu mat-*tour operators* nistgħu ankè nikkuntattjaw lill-iskejjel tad-*diving.*

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sinjorina Formosa ħadmet xi sigħat iktar mill-ħin stabbilit tal-ftuħ taċ-Ċentru u ma tridx ħlas għalihom. Intqal ukoll li matul ix-xahar ta' Ġunju nġabru madwar €500 f'donazzjonjiet minn dawk li żaru ċ-Ċentru matul dan ix-xahar.

Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nforma lill-Kunsill li l-flus li kellhom jidħlu tal-proġett PANACEA issa daħlu kollha.

Intqal ukoll li biex jinħoloq spazju fejn jinġabar xi materjal ta' informazzjoni li hemm fiċ-Ċentru, se jitqabbad mastrudaxxa biex f'*boards* eżistenti jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

3.5 *E-mail* mingħand is-Sinjorina Pauliana Said fejn qalet li klijent tagħha taljan qed jitlob permess sabiex ikollu spazju fil-pjazza tad-Dwejra biex ibiegħ għasel u prodotti oħrajn. Ser nirrispondu li l-Kunsill m'huwiex l-awtorità kompetenti li jagħti permessi simili.

3.6 Ilment mingħand resident fejn qed jitlob biex tiżdied ħadida oħra fi Triq it-Torri peress li dik eżistenti mhix biżżejjed u qed jitfgħu l-boroż tal-iskart fl-art. Wara diskussjoni ġie deċiż li jiżdiedu żewġ ħadidiet – waħda fejn l-għalqa tal-familja Formosa u l-oħra fejn il-*bring in site* – it-tnejn fl-istess triq.

Ser issir ħadida oħra fi Triq il-Wileġ, ftit 'il bogħod minn waħda eżistenti.

3.7 *E-mail* mingħand is-Sinjorina Reneè Formosa bħala Segretarja tal-Kumitat Festival Festa San Lawrenz fejn infurmatna li għal din is-sena dan il-Kumitat qed iħejji attività ta' livell għoli ħafna. Bħala parti mill-pubbliċità għal dan il-festival, dan il-Kumitat qed jitlob li l-Kunsill jistampa fuljett li jitqassam fid-djar t'Għawdex kollu. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb li jistampa u jqassam dan il-fuljett.

3.8 Ittra mingħand il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura fejn qed jgħarrfuna li qed iniedu skema għall-artisti biex jagħmlu proġett li minnhom jintagħżlu sitta li jiġu attwati u jsiru f'postijiet f'Malta jew Għawdex. Però dawn il-proġetti jridu jsiru b'kollaborazzjoni ma' Kunsill Lokali. Intqal li jekk xi artist jikkuntattja lill-Kunsill ta' San Lawrenz, din it-tema terġa' tiġi diskussa.

anke li tkun spazjuża biżżejjed għal dan in-numru ta' nies. Is-Sinjorina Formosa qalet li kif qed jikkalkulaw l-ispejjeż se jinġabru mill-biljetti li jinbiegħu

pero'jista' jkun hemm xi sbilanċ żgħir u talbet sabiex il-Kunsill jgħin f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li jekk ikun il-każ jagħti l-għajnuna tiegħu.

Attivita' oħra li qed jippjanaw hija *weekend break* qabel ma' terġa' tibda l-iskola. Pero' fuq din għad iridu jaħdmu fuq id-dettalji u jiġbru aktar informazzjoni għalhekk din l-attivita' terġa' tiġi diskussa f'laqgħa oħra tal-Kunsill. Ġie deċiż li fil-fuljett ta' avviżi li jmiss se navżaw b'dawn iż-żewġ attivitajiet ħalli n-nies tkun infurmata. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa ġibed l-attenzjoni li dawn l-attivitajiet qed iġorru l-isem tal-Kunsill għalhekk għandu jkun hemm divertiment bil-għaqal u kif inhu xieraq.

11.6 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kellu lment dwar parti fil-Qawra tad-Dwejra mingħand persuna li tiffrekwenta din l-*area*. L-ilment jirrigwarda li xi ħadd għamel struttura u saqqaf biċċa passaġġ fejn ankè għamel xi konkos fl-art. Intqal ankè li t-tisqifa qegħda mqabbda ma' kanna li għandha tabella magħha *'Slippery'*. Għalkemm saret din l-istruttura l-aċċess għall-pubblika ma ngħalaqx. Wara diskussjoni ġie deċiż li peress li l-Kunsill mhux awtorita' kompetenti li jagħmel infurzar, nissuġġerixxu lill-persuna li għamlet l-ilment sabiex jirreferi l-ilment tiegħu lill-awtoritajiet oħra aktar kompetenti li jistgħu jinfurzaw u jaraw jekk struttura simili setgħetx isir.

11.7 Talba għall-mera fi Triq San Lawrenz faċċata tal-isqaq Wilġa tal-Gedrin. Din il-mera ser titwaħħal.

11.8 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li wasal iż-żmien li terġa' ssir ħarġa oħra għall-anzjani. Il-Kunsilliera Carmela Grima flimkien mal-*Assistant Principal* Carmen Micallef se jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din il-ħarġa.

11.9 Ilment mingħand is-Sur Ġanni Attard fejn talab sabiex isir taraġ għall-proprjeta' tiegħu peress li dan inqala' meta ġie rranġat l-isqaq fejn joqgħod hu. Ser nikkuntattjaw lir-resident u naraw eżatt x'inhu jitlob.

11.10 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kellmu l-Kappillan Dun Charles Sultana u wrieh ix-xewqa li ssir attività, tip ta' *get together,* lir-residenti barranin li hawn jgħixu ġo San Lawrenz. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li din għandha tkun *joint venture* bejn il-parroċċa u l-Kunsill. Il-membri kollha tal-Kunsill għandhom ikunu preżenti għal din l-attività sabiex hekk il-barranin iħossuhom integrati aktar fil-lokalità u fil-kommunità. Waqt din il-laqgħa ser jiġi ssuġġerit li jagħmlu kumitat bejniethom u imbagħad il-Kunsill jgħinhom kif jista' bħal per eżempju joffri sala fejn jiltaqgħu jew fejn jagħmlu xi attivita. Id-data se tkun nhar is-16 ta' Lulju, 2015. Il-Kunsill qabel li għandha ssir din il-laqgħa u qabel ukoll li jgħin finanzjarjment sabiex isiru ftit *refreshments* għal waqt din il-laqgħa.

11.11 Inġibdet l-attenzjoni li hemm persuna li qed tostakola l-bankina fi Triq San Lawrenz b'parkeġġ. Se nikkuntattjaw lill-Pulizija sabiex jaraw li dan il-ksur ta' liġi ma jitkompliex.

## 12.0 Approvazzjoni ta' pagamenti

12.1 Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi ma' dawn il-minuti. Il-pagamenti ma' nqrawx waqt il-laqgħa peress li kienu mqassmin minn qabel lill-kunsilliera permezz ta' *e-mail.*

## 13.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna għal nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju, 2015 fis-2.30 p.m.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Josephine Sultana***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***